

## Ir-riskji li tinvesti fi prodotti kumplessi

### Messaġġi ewlenin

- *Jekk ma tifhimx il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott offrut, jew ir-riskji involuti, tinvestix. Minflok qis tfittixx li tieħu parir professionali dwar liema investiment ikun tajjeb għalik.*
- *Kun af li xi drabi l-isem ta' prodott jista' ma jirriflettix il-karatteristiċi tal-prodott. Oqgħod attent minn wegħdi ta' qligħ 'għoli', 'garantit', 'hedged' jew 'assolut'. Dawn il-wegħdi sikkwit jirriżulta li jkunu qarrieqa.*
- *Oqgħod attent jekk ikun jeħtieġlek tieħu flusek qabel ma l-prodott ikun imissu jrodd ħlas.*
- *Qabel ma tinvesti ifhem xi jkunu l-ispejjeż totali. L-ispiża għal investiment ikollha effett fuq il-qligħ li x'aktarx tikseb. Jista' jkun hemm ukoll prodotti simili, anqas kumplessi, b'anqas spejjeż.*

### Għaliex qed noħorġu din it-twissija?

Matul dan il-perjodu ta' storikament rati baxxi ta' mgħax, ditti ta' investiment wieġbu għal tfittixja għal qligħ minn investimenti billi offrew prodotti kumplessi ta' investiment. Xi wħud minn dawn il-prodotti jitfasslu biex jippermettu lil investituri li jixtru għaddi żgħir ta' titoli għalihom infushom ('retail investors') ikunu jistgħu jkollhom aċċess għal

tipi differenti ta' assi ('equities', 'bonds', 'commodities') u għal strateġiji ta' investiment li qabel seta' jinkisbu biss minn investituri professionali.

Prodotti kumplessi sikkwit jitqiegħdu għall-bejġħ b'mod aggressiv. Reklami xi drabi jużaw slogans li jħajru bħal 'qligħ assolut', 'garantit', u 'tkabbir 'hedged', jew jirreklamaw qligħ li jkun ħafna akbar mill-qligħ tal-kont ta' depożitu li jkun jista' jinkiseb attwalment mill-banek. Dawn il-wegħdi prominenti bosta drabi jirriżulta li jkunu qarrieqa jew li jkollhom tifsira differenti minn dak li inti stajt fhimt.

Investituri sikkwit ma jifhmux kif dawn il-prodotti kumplessi jaħdmu. B'mod aktar spċċiaku r-riskji u l-ispejjeż assoċjati u l-qligħ mistenni fħafna mill-każżejjiet ma jkunux jidhru mill-ewwel jew ġifnej jinfiehem.



Xi prodotti kumplessi jeħtieġu livell għoli ta' tagħrif biex ikunu evalwati u eżaminati r-riskji. Jenħtieġu wkoll maniġġar u monitoraġġ attivi tul iż-żmien. Maniġġar u monitoraġġ attivi sikkrit jieħu ħafna ħin, mhumiex prattu u diffiċli għal investituri li jixtru ġhadd żgħir ta' titoli għalihom infuħhom. Inti għandek tqis dawn id-diffikultajiet meta tkun qed taħseb tinvestix fi prodotti kumplessi.

Organizzazzjonijiet li jkunu kklassifikati bħala investituri professionali għandhom iqisu jekk ikunux mgħammra b'mod adegwat u jkollhom it-tagħrif espert biex iwettqu l-livell meħtieġ ta' maniġġar u monitoraġġ attivi.

### **Liema ‘prodotti kumplessi’ qed nit-kellmu dwarhom?**

Il-kumplessità hija kelma relativa. Ħafna elementi jistgħu jagħmlu prodott diffiċli li jinfiehem. Prodott aktarx jitqies kumpless jekk:

- ikun derivattiv jew jinkorpora derivattiv (derivattiv huwa strument finanzjarju fejn il-valur ikun ibbażat fuq il-valur ta' strument finanzjarju ieħor jew ta' xi assi jew indiċi bħala bażi, bħal muniti barranin jew rati ta' mgħax – dawn sikkrit ikunu inklużi fi prodott finanzjarju biex issir jew tissaħħaħ ċerta strateġija ta' investiment, kif ukoll biex ikun hemm ‘hedging’ ta’ ċerti riskji jew biex jikk-kumpensaw għalihom);
- ikollu assi jew indiċijiet bħala bażi li ma jkunux ivvalutati faċilment, jew li prezżhom jew il-valur tagħhom ma jkunux jistgħu jink-isbu pubblikament;
- ikollu terminu fiss ta' investiment flimkien ma', pereżempju, penalitajiet f'każ ta' rtirar bikri mingħajr raġuni ċara;
- juża ħafna varjabbli jew formoli matematiki kumplessi biex ikun stabbilit il-qligħ mill-investiment tiegħek;

- ikun jinkludi garanziji jew ħarsien tal-kapital li jkunu kondizzjonali jew parzjali, jew li jkunu jistgħu ma jibqgħux jidhru aktar jekk iseħħu ċerti ġrajjiet.

Il-prodotti speċifiċi li ġejjin huma eżempji ta' prodotti li għandhom jitqies kumplessi: titoli sostnuti minn assi; tipi ta' bonds bħal konvertibbli jew subordinati; ċertifikati; kuntratti għal differenza (CFDs); noti marbutin ma' kreditu; prodotti strutturati u ‘warrants’.



### **Liema huma r-riskji u l-iżvantaġġi ewlenin ta' investiment fi prodotti kumplessi?**

Għalkemm prodotti kumplessi jistgħu jagħtuk beneficiċċi, jista' jkun hemm ċerti riskji u żvantaġġi involuti f'investiment fi prodotti kumplessi. Dawn ir-riskji u żvantaġġi jistgħu ma jkunux jidhru jew faċili li jinfiehem. Inti jkun jeħtieġlek tkun taf sewwa dwar dawn ir-riskji u tiżiegura li tifhem biżżejjed il-karakteristiċi ewlenin ta' prodott biex tiddeċċiedi tinvestix b'mod informat.

### **Riskju ta' likwidità**

Riskju ta' likwidità huwa r-riskju li inti ma tkunx tista' tbiegħi il-prodott malajr jekk tkun trid tagħmel hekk qabel ma jagħlaq it-terminu. Jekk il-prodott tiegħek ma' jkun likwidu, li sikkrit ikun il-każ għal prodotti kumplessi, x'aktarx ħafna li jkollok tbiegħi il-prodott bi skont kbir mill-prezz li bih ikun inxtara (u, għalhekk, titlef il-flus) jew ma tkun tista' tbiegħu xejn.

## Riskju ta' 'leverage'

'Leverage' hija kelma li tintuża biex tiddeskrivi modi jew strateġiji għall-multiplikazzjoni ta' qligħ jew telf li jista' jkun hemm, bħal self ta' flus jew użu ta' prodotti bħal derivattivi. Jista' jkun issuġġerit lilek li tinvesti bil-'leverage' biex jekk jista' jkun tikseb qligħ oħħla, iżda għandek tiftakar li l-'leverage' jista' wkoll jimmultiplika telf.

## Riskju tas-suq

Ir-riskju tas-suq huwa r-riskju minn jum għal ieħor ta' telf li jiġi minn movimenti fil-prezzijiet tas-suq. Prodotti kumplessi jistgħu jesponuk għal diversi riskji tas-suq minħabba li sikkwit jitfasslu għal investiment fi swieq separati bħala bażi (pereżempju f'fishma, rati ta' mgħax, rati tal-kambju, 'commodities').



## Riskju tal-kreditu

Riskju tal-kreditu huwa r-riskju li min joħroġ il-prodott jew ditta li jittratta magħha jfallu u ma jkunux jistgħu jħarsu l-obbligli kuntrattwali tagħhom biex iroddulek il-ħlas tal-investiment tiegħek.

Ċerti strumenti jkunu kklassifikati minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Jekk qed taħseb tinvestix fi strument ikkl-klassifikat, għandek tiżgura li tifhem xi jfissru l-klassifikazzjonijiet. Klassifikazzjoni baxxa tħidlek li jkun hemm riskju oħla li min ikun ħarġu jfalli, u inti ma tiħux lura l-flus li tkun investejt. Klassifikazzjoni għolja tindika li x'aktarx li min ikun ħareġ l-strument ifalli jkun ħafna anqas, iżda mhux bilfors tfisser li l-investiment jagħtik il-qligħ li tkun tistenna. Għandek tkun tafukoll li l-klassifikazzjoni ta' min joħroġ strumenti tista' tinbidel tul kemm ikun idum fis-suq il-prodott.

## Spiża tal-kumplessità

Strutturi kumplessi fi prodott jistgħu jfissru li l-prodott ikun ta' spiża akbar minħabba li inti tkun qed tħallas għall-karatteristiċi bħala bażi tal-prodott. Tariffi u kummissjonijiet ukoll is-soltu jkunu jagħmlu parti mill-istruttura tal-prodotti u, għalhekk, ma jkunux jidhru malajr.

## Aktar informazzjoni

Dejjem ara jekk id-ditta li inti tkun qed tagħmel kuntatt magħha tkunx awtorizzata li tagħmel negozju ta' investimenti f'pajjiżek. Tista' tagħmel dan mill-websajt tar-regolatur nazzjonali tad-ditta. Jekk ditta ma tkunx awtorizzata jew regolata, x'aktarx ħafna li ma tkunx konformi ma' regoli ta' ħarsien tal-investitur u inti tista' ma jkollokx aċċess għal proċeduri ta' lmenti jew għal skemi ta' kumpens.

Lista tal-awtoritatjiet regolatorji nazzjonali u l-websajts tagħhom tista' tinkiseb ukoll mill-websajt ta' ESMA fuq <http://www.esma.europa.eu>.